# 84. Ħammeġ, ja Ħanżir!

Ħammeġ, ja ħanżir,
ħammeġ, ja bodbod,
ħammeġ, ja ħmar,
u l-mintna tal-ħmieġ tagħkom
barrġu gozz gozz, u meta tinxef xerrdu
mal-għalqa kollha,
sabiex bis-saħħa tagħha
tikber is-sbula u timla
il-vini tal-bnedmin
bid-demm tal-ħajja,
u lsienhom
jimtela bis-semm,
u qalbhom
timtela bl-għira u bil-mibegħda,
u moħħhom
jimtela bil-lehma tal-qirda!
Trab minn trab,
u ħmieġ minn ħmieġ il-bniedem!
Ħammeġ, ja ħmar,
ħammeġ, ja bodbod,
ħammeġ, ja ħanżir!

12/6/1973